MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru 56/2002

Il-Pulizija
(Spettur S.Micallef)

vs

Anthony Callus

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Anthony Callus ta' karta ta' identita' 405562(m), akkuzat:

1. fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fid-29 ta' Ottubru 2001 u/jew f'xi data qabel din xjentement kellhu fil-pussess u/jew that il-kontroll tieghu Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar. L-importazzjoni tal-oggett hawn fuq imsemmi hija projibita u/jew ristretta.

Dan ghandu valur ta’ Lm85.57 u dazju ta’ Lm6.16 liema dazju ma giex imhallas u/jew kawtelat – Artikolu 60(a)(b)(c)(k); Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) Kap 37;

2. fuq talba tal-Kummissarju tal-VAT talli fid-29 ta’ Ottubru 2001 u/jew f’xi data qabel din xjentement kellhu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Echostar. L-importazzjoni ta’ dan l-oggett hu projibit u/jew ristrett. Dan ghandu valur ta’ Lm91.73 u li fuqu kellhu jithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud liema taxxa tammonta ghal Lm13.76 liema taxxa ma gietx imhalsa u/jew kawtelata – Artikolu 80 Att XXIII fuq il-Valur Mizjud;

3. fl-istess zmien gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, fi zmien li kien impiegat mal-kumpanija AirMalta bhala loader ikkommetta serq ta’ Digital Satellite Receiver DSB 2200 tal-marka Ecohostar liema serq huwa kwalifikat bil-persuna;

4. fl-istess zmien u cirkostanzi laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat t-talba kemm tal-Kontrollur tad-Dwana u kemm tal-Kummissarju fuq il-Valur Mizjud biex jittiehdu l-odjerni proceduri;

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda wkoll tal-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Li apparti l-akkuzi diretti kontra l-Ordinanza tad-Dwana u l-Ordinanza dwar il-Valur Mizjud l-imputat qieghed jigi akkuzat b’serq u ricettazzjoni, reati alternattivi ghall-xulxin,

li ghalkemm distinti huma ghad-esklussjoni ta’ xulxin. Fil-kuntest ta’ dawn l-ahhar imsemmija reati din il-Qorti tara illi m’hemmx provi li jistghaw ireggu l-imsemmija akkuzi. M’hemm xejn li jista’ anka remotament jikkolega s-serq tal-oggett mal-imputat lanqas li l-imputat kien jaf li l-oggett kien provenjenti minn serq jew li b’xi mod indahhal sabiex ibieghu jew imexxih.

Dwar ir-reati konnessi maz-zewg Ordinanzi fuq imsemmija l-provi juru fic-car li l-oggett meritu dawn il-proceduri instab fil-pussess tal-imputat maqful fil-kassarizz tieghu gewwa l-Ajroport. Dan huwa fatt stabbilit. L-imputat stqarr li l-oggett inghata lilu minn kollega tieghu sabiex izommulu. Stqarr li ma kienx jaf x’kien l-oggett minhabba li spiega li inghatalu f’kaxxa ‘sigillata’ moghtija b’karta kannella. Hawnhekk, il-Qorti taghmilha cara li hu l-imputat li qieghed jigi akkuzat u mhux it-terz li allegatament ghadda l-oggett lill-imputat b’daqstant li hu l-imputat, u hu biss, li ghandu jirrispondi ghall-pussess ta’ dan l-oggett li nstab ghandu u fuq liema l-prosekuzzjoni akkuzatu li ma thallasx l-imposta ta’ dazju u l-import tal-valur mizjud.

Taht il-Kap 37 kif wkoll l-Att XXIII/98 biex il-prosekuzzjoni tirnexxi fl-akkuza fil-konfront ta’ dawn l-akkuzi ghandha mhux biss tipprova l-pussess (fatt stabbilit, kif gja inghad) izda li dan il-pussess da parti tal-imputat kien wiehed scenti - fi kliem testwali tal-ligi li xjentement l-imputat gie fil-pussess ta’ l-oggett. Dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha wkoll tipprova li l-imputat jew kien jaf jew seta’ kien ikun jaf li fuq l-oggett ma kienx thallas dazju u taxxa tal-valur mizjud.

Mill-provi jirrisulta li l-imputat fl-aghar ipotesi ghalih accetta li jzomm ghat-terz, u ghall-persuna li bil-kemm kien jafu, oggett, li jghid, li ma kienx jaf x’kien, di piu’ waqt l-hin tax-xoghol. L-ispjegazzjoni tieghu anka biss dwar li kien injar x’kien l-oggett huwa jekk xejn inverosimili u suspettuz u jekk xejn jirrendih negligenti billi xejn ma kien jimpedih li jkun jaf x’kien l-oggett.

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha inkluz dak li gie rapurtat li qal lill-pulizija li ghamel t-tficcija, l-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ghandu jwiegeb ghall-akkuzi dedotti ghab-bazi tal-Ordinanzi fuq citati senjatament taht l-incisi (g) u (k) tal-Artikolu 62 tal-Kap 37 u l-Artikolu 80 tal-Att XXIII/1998.

Rigward il-valur tal-oggett in kwistjoni l-Qorti osservat li inghata valur differenti ghall-finijiet taz-zewg Ordinanzi meta m'ghandux jkun hemm dubbju li si tratta tal-istess oggett. Ghalhekk ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-piena hu l-anqas valur li ghandu jittiehed. Ghal fini tal-Ordinanza fuq il-Valur Mizjud t-taxxa relattiva ghandha ghalhekk tkun ta' Lm12.83.

Inghad dan, wara li rat l-Artikolu 62(g)(k) tal-Kap 37 u l-Artikolu 80 tal-Att XXIII/98 issib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u tikkundannah multa komplessiva ta' Lm362 fil-waqt li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------